

Emenda 3

Helmut Scholz, Rina Ronja Kari, Anne-Marie Mineur, Eleonora Forenza, Lola Sánchez Caldentey, Patrick Le Hyaric, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Miguel Urbán Crespo, Xabier Benito Ziluaga, Kateřina Konečná, Paloma López Bermejo, Jiří Maštálka
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0123/2017

Adam Szejnfeld

L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea
2015/2059(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

– *wara li kkunsidra t-380 rapport tal-Kumitat għal-Libertà ta' Assoċjazzjoni tal-ILO,*

Or. en

Emenda 4

Helmut Scholz, Rina Ronja Kari, Eleonora Forenza, Anne-Marie Mineur, Lola Sánchez Caldentey, Patrick Le Hyaric, Paloma López Bermejo, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**A8-0123/2017****Adam Szejnfeld**

L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea

2015/2059(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Kunsiderazzjoni 10***Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Internazzjonali¹⁰,

¹⁰ ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 31.

Emenda

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Internazzjonali¹⁰, ***u wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2016, dwar l-implimentazzjoni tal-istess,***

¹⁰ ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 31.

Or. en

Emenda 5

Helmut Scholz, Rina Ronja Kari, Eleonora Forenza, Anne-Marie Mineur, Lola Sánchez Caldentey, Patrick Le Hyaric, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**A8-0123/2017****Adam Szejnfeld**

L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerè Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea
2015/2059(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Premessa D***Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

D. billi l-Ftehim ta' Kummerè Ħieles bejn l-UE u l-Korea huwa l-ewwel minn ġenerazzjoni ġdida ta' ftehimiet ta' kummerè ħieles konklużi mill-UE ma' wieħed mill-pajjiżi sħab tal-Asja, li minbarra li jneħħi t-tariffi, jinkludi wkoll regoli dwar l-eliminazzjoni ta' ostakli nontariffarji, biex b'hekk joħloq opportunitajiet ġodda ta' aċċess għas-suq **għas-servizzi u l-investimenti**, kif ukoll fl-oqsma tal-proprjetà intellettuali, l-akkwist pubbliku u l-politika tal-kompetizzjoni, **u b'hekk se jservi ta' mudell għall-ftehimiet ta' kummerè ħieles fil-ġejjieni**;

Emenda

D. billi l-Ftehim ta' Kummerè Ħieles bejn l-UE u l-Korea huwa l-ewwel minn ġenerazzjoni ġdida ta' ftehimiet ta' kummerè ħieles konklużi mill-UE ma' wieħed mill-pajjiżi sħab tal-Asja, li minbarra li jneħħi t-tariffi, jinkludi wkoll regoli dwar l-eliminazzjoni ta' ostakli nontariffarji, biex b'hekk joħloq opportunitajiet ġodda ta' aċċess għas-suq **għall-korporazzjonijiet u l-investituri l-kbar**, kif ukoll fl-oqsma tal-proprjetà intellettuali, l-akkwist pubbliku u l-politika tal-kompetizzjoni;

Or. en

Emenda 6

Helmut Scholz, Rina Ronja Kari, Eleonora Forenza, Anne-Marie Mineur, Lola Sánchez Caldentey, Patrick Le Hyaric, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**A8-0123/2017****Adam Szejnfeld**

L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerç Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea
2015/2059(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Premessa E – inċiż 1***Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

– id-defiċit kummerċjali tal-UE, li kien jammonta għal EUR 7,6 biljun fil-perjodu ta' 12-il xahar ta' qabel sar validu l-Ftehim, inbidel f'bilanċ kummerċjali favorevoli ta' EUR 2,5 biljun fil-ħames sena tal-validità tal-Ftehim;

Emenda

– id-defiċit kummerċjali tal-UE, li kien jammonta għal EUR 7,6 biljun fil-perjodu ta' 12-il xahar ta' qabel sar validu l-Ftehim, inbidel f'bilanċ kummerċjali favorevoli ta' EUR 2,5 biljun fil-ħames sena tal-validità tal-Ftehim, ***li juri li dan il-ftehim hu ta' ħsara għall-iżvilupp ekonomiku tas-sieħeb Korean taġna;***

Or. en

Emenda 7

Helmut Scholz, Rina Ronja Kari, Eleonora Forenza, Anne-Marie Mineur, Lola Sánchez Caldentey, Patrick Le Hyaric, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0123/2017

Adam Szejnfeld

L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerç Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea
2015/2059(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa E - inċiż 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

– il-Kumitat għall-Kummerç u l-Iżvilupp Sostenibbli – li huwa korp speċjalizzat li jiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-kapitolu dwar il-kummerç u l-iżvilupp sostenibbli tal-Ftehim UE-Korea – qiegħed jiffunzjona;

Emenda

– il-Kumitat għall-Kummerç u l-Iżvilupp Sostenibbli – li huwa korp speċjalizzat li jiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-kapitolu dwar il-kummerç u l-iżvilupp sostenibbli tal-Ftehim UE-Korea – qiegħed jiffunzjona ***b'mod formali, iżda ma kiseb l-ebda titjib għas-sitwazzjoni gravi tat-trejdunjonista fil-Korea;***

Or. en

Emenda 8

Helmut Scholz, Rina Ronja Kari, Eleonora Forenza, Anne-Marie Mineur, Lola Sánchez Caldentey, Patrick Le Hyaric, Paloma López Bermejo, Miguel Urbán Crespo, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0123/2017

Adam Szejnfeld

L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea

2015/2059(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1a Jikkritika bil-qawwa li fl-2016, il-Gvern tal-Korea ħarrax l-azzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-moviment tat-trejdunjins, bil-President tal-Konfederazzjoni Koreana tat-Trejdunjins (KCTU) Han Sang-gyun, jiġi kkundannat għal ħames snin ħabs minħabba l-partekipazzjoni tiegħu fl-istrajks u d-dimostrazzjonijiet fl-2015, b'oppożizzjoni għall-politika tal-gvern li hi immirata lejn ir-revoka tal-ftehimiet kollettivi u bi ħsara sinifikanti għal-liġi dwar ix-xogħol;

Or. en

Emenda 9

Helmut Scholz, Rina Ronja Kari, Eleonora Forenza, Anne-Marie Mineur, Lola Sánchez Caldentey, Patrick Le Hyaric, Miguel Urbán Crespo, Paloma López Bermejo, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0123/2017

Adam Szejnfeld

L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea

2015/2059(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1b. Jinsab imħasseb ħafna dwar ir-ripressjoni vjolenti reċenti tat-trejdunġins fir-Repubblika tal-Korea u jibża' li din tista' tikser l-Artikolu 13.7 (2) tal-Ftehim; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti bidu għal konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet Koreani dwar vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, bħal-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt ta' negozjar kollettiv;

Or. en

Emenda 10

Helmut Scholz, Rina Ronja Kari, Eleonora Forenza, Anne-Marie Mineur, Lola Sánchez Caldentey, Patrick Le Hyaric, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**A8-0123/2017****Adam Szejnfeld**

L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerç Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea
2015/2059(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. ***Jilqa' l-fatt*** li ***l-Ftehim wassal għal*** tkabbir sinifikanti fil-kummerç bejn l-UE u l-Korea; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jeżaminaw il-konsegwenzi u l-impatt dirett tal-Ftehim fuq il-benesseri tal-konsumatur, l-intraprendituri u l-ekonomija Ewropea u biex il-pubbliku jiġi informat b'mod aktar effettiv dwar tali impatti;

Emenda

2. ***Josserva*** li ***kien hemm*** tkabbir sinifikanti fil-kummerç bejn l-UE u l-Korea ***fl-aħħar 5 snin, parzjalment minħabba l-Ftehim, u parzjalment minħabba d-devalwazzjoni tal-Euro;*** Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jeżaminaw il-konsegwenzi u l-impatt dirett tal-Ftehim fuq il-benesseri tal-konsumatur, ***l-impjiegi u l-impjiegi ta' kwalità, id-drittijiet tax-xogħol u tal-bniedem, l-ambjent,*** l-intraprendituri u l-ekonomija Ewropea u biex il-pubbliku jiġi informat b'mod aktar effettiv dwar tali impatti;

Or. en

Emenda 11

Helmut Scholz, Rina Ronja Kari, Eleonora Forenza, Anne-Marie Mineur, Lola Sánchez Caldentey, Patrick Le Hyaric, Paloma López Bermejo, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0123/2017

Adam Szejnfeld

L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea

2015/2059(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

4. Jirrimarka li l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea, bħal ftehimiet oħra dwar il-kummerċ ħieles, is-servizzi u l-investimenti, għandu impatt pożittiv fuq l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-partijiet għall-Ftehim, fuq l-integrazzjoni ekonomika, fuq l-iżvilupp sostenibbli, u fuq it-tqarrib tal-pajjiżi u ċ-ċittadini tagħhom;

imħassar

Or. en

Emenda 12

Helmut Scholz, Rina Ronja Kari, Eleonora Forenza, Anne-Marie Mineur, Lola Sánchez Caldentey, Patrick Le Hyaric, Miguel Urbán Crespo, Paloma López Bermejo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**A8-0123/2017****Adam Szejnfeld**

L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea

2015/2059(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 5***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

5. Jikkonstata l-isforzi tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili u tal-gruppi konsultattivi domestiċi li ġew stabbiliti bi qbil mad-dispożizzjonijiet stipulati fil-kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, li hu parti integrali tal-pakkett globali tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles; ifakkar li ż-żewġ partijiet impenjaw lilhom infushom, skont l-Artikolu 13.4 tal-Ftehim li jirrispettaw, jippromwovu u jwettqu fil-liġijiet u l-prattiki tagħhom, il-prinċipji li joriġinaw mill-obbligi tagħhom derivati mis-sħubija fl-ILO u mid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol, partikolarment il-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt għal negozjar kollettiv; jenfasizza, madankollu, li l-progress magħmul mill-Korea dwar l-oġettivi li jirfdu l-kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli mhux sodisfaċenti, u li għad hemm każijiet ta' ksur tal-libertà ta' assoċjazzjoni, inkluż każijiet preokkupanti ta' tfigħ il-ħabs ta' kapijiet ta' trejdnjins, u interferenza fin-negozjati, li għandha taqa' fi ħdan l-awtonomija tas-sħab fin-negozjaturi; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tnedi konsultazzjonijiet formali mal-Gvern

5. (*Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.*)

Korean, bi qbil mal-Artikolu 13.14 tal-Ftehim, u jekk dawn il-konsultazzjonijiet ifallu, jappella lill-panel ta' esperti msemmija fl-istess artikolu biex jieħdu azzjoni u biex ikomplu d-djalogu dwar in-nuqqas tal-Gvern Korean li jikkonforma ma' wħud mill-impenji tiegħu, u partikolarment biex iwettaq sforzi kontinwi u sostnuti, bi qbil mal-obbligi li jirfdu l-Ftehim, sabiex tiġi żgurata r-ratifika mill-Korea tal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO, li dan il-pajjiż għadu ma rratifikax;

Or. en

Emenda 13

Helmut Scholz, Rina Ronja Kari, Eleonora Forenza, Anne-Marie Mineur, Lola Sánchez Caldentey, Patrick Le Hyaric, Miguel Urbán Crespo, Estefanía Torres Martínez, Xabier Benito Ziluaga, Tania González Peñas, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0123/2017

Adam Szejnfeld

L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerè Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea
2015/2059(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7 – punt da (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

(da) l-impatt ambjentali u dwar il-benesseri tal-annimali kaġun tal-FTA; żieda fil-produzzjoni industrijali u fl-iskart tossiku; inkwinament minn żejt u metalli tqal tal-oċeani; żieda fl-emissjonijiet ta' CO2 minħabba żieda fit-trasport u l-kummerè speċjalment f'karozzi bi prestazzjoni għolja;

Or. en

Emenda 14

Helmut Scholz, Rina Ronja Kari, Eleonora Forenza, Anne-Marie Mineur, Lola Sánchez Caldentey, Patrick Le Hyaric, Miguel Urbán Crespo, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Tania González Peñas, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**A8-0123/2017****Adam Szejnfeld**

L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerç Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea
2015/2059(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

8. Jinnota li dan l-aħħar kien hemm każijiet ta' ħolqien ta' ostakli nontariffarji ġodda, bħal normi tekniċi għal magni, tagħmir jew vetturi li qabel ma kinux jeżistu; jisħaq li fenomenu partikolarment inaċċettabbli hu l-irtirar tal-omologazzjoni tat-tip ta' vettura għad-diversi produttori tal-karozzi Ewropej, fuq bażi mhux sostanzjata; jistieden lill-Kummissjoni tibda taħdidiet bilaterali biex telimina **dan il-fenomenu negattiv**;

Emenda

8. Jinnota li dan l-aħħar kien hemm każijiet ta' ħolqien ta' ostakli nontariffarji ġodda, bħal normi tekniċi għal magni, tagħmir jew vetturi li qabel ma kinux jeżistu; jisħaq li fenomenu partikolarment inaċċettabbli hu l-irtirar tal-omologazzjoni tat-tip ta' vettura għad-diversi produttori tal-karozzi Ewropej, fuq bażi mhux sostanzjata; jistieden lill-Kummissjoni tibda taħdidiet bilaterali biex telimina **b'mod oġġettiv l-ostakoli kummerċjali inutli, iżda li tastjeni milli tisfida regolamenti li huma utli għas-saħħa u l-ambjent**;

Or. en

Emenda 15

Helmut Scholz, Rina Ronja Kari, Eleonora Forenza, Anne-Marie Mineur, Patrick Le Hyaric, Lola Sánchez Caldentey, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Estefanía Torres Martínez, Xabier Benito Ziluaga, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**A8-0123/2017****Adam Szejnfeld**

L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerç Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea
2015/2059(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

9. Jirrimarka li ħafna intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) ***mhumiex konxji mill-opportunitajiet li jgħib il-Ftehim***; jistieden, għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistudjaw ***b'mod partikolari r-rata ta' utilizzazzjoni tal-preferenzi tal-SMEs u jieħdu passi effettivi biex iżidu l-għarfien fost l-SMEs rigward l-opportunitajiet li ħoloq il-Ftehim***;

9. Jirrimarka li ħafna intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) ***ma bbenefikawx mill-Ftehim kif kien għe mħabbar***; jistieden, għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistudjaw ***ir-raġuni għal dan***;

Or. en

Emenda 16

Helmut Scholz, Rina Ronja Kari, Anne-Marie Mineur, Eleonora Forenza, Lola Sánchez Caldentey, Patrick Le Hyaric, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Estefanía Torres Martínez, Xabier Benito Ziluaga, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**A8-0123/2017****Adam Szejnfeld**

L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerç Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea
2015/2059(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

10. ***Jappoġġa l-approfondiment ulterjuri tar-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investiment bejn l-UE u l-Korea, partikolarment il-Kapitolu dwar l-Investment tal-Ftehim; jistenna li d-diffikultajiet li jikkonċernaw il-kapitolu dwar il-Kummerç u l-Iżvilupp Sostenibbli jiġu solvuti qabel in-negozjati dwar il-Kapitolu dwar l-Investment; jappoġġa l-parteċipazzjoni tal-partijiet għall-Ftehim fil-ħolqien ta' aktar tkabbir ekonomiku u żvilupp sostenibbli għall-benefiċċju taċ-ċittadini tal-UE u tal-Korea; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Gvern tar-Repubblika tal-Korea biex ma jużawx il-metodu tal-ISDS l-antik fl-eventwalità ta' negozjati dwar kapitolu fuq l-investment, iżda biex minflok jibnu fuq Sistema ta' Qorti tal-Investment ġdida proposta mill-Kummissjoni, u jappella lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa sistema ta' qorti tal-investment multilaterali fuq il-perjodu twil li potenzjalment tieħu post il-mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim fl-FTAs attwali u fil-ġejjieni;***

10. ***jistenna*** li d-diffikultajiet li jikkonċernaw il-kapitolu dwar il-Kummerç u l-Iżvilupp Sostenibbli jiġu solvuti qabel ***kwalunkwe negozjati*** dwar ***l-approfondiment tal-Ftehim***; jappoġġa l-parteċipazzjoni tal-partijiet għall-Ftehim fil-ħolqien ta' aktar tkabbir ekonomiku u żvilupp sostenibbli għall-benefiċċju taċ-ċittadini tal-UE u tal-Korea; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Gvern tar-Repubblika tal-Korea biex ma jużawx il-metodu tal-ISDS l-antik fl-eventwalità ta' negozjati dwar kapitolu fuq l-investment, iżda biex ***jibqgħu jużaw il-mekkaniżmu minn Stat għal Stat li wera li hu suffiċjenti;***

Or. en

Emenda 17

Helmut Scholz, Rina Ronja Kari, Anne-Marie Mineur, Eleonora Forenza, Lola Sánchez Caldentey, Patrick Le Hyaric, Paloma López Bermejo, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Xabier Benito Ziluaga, Estefanía Torres Martínez, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**A8-0123/2017****Adam Szejnfeld**

L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea

2015/2059(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 11***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

11. Jisħaq fuq l-importanza li l-kooperazzjoni internazzjonali tissaħħaħ aktar fil-qafas internazzjonali, fil-livelli multilaterali, plurilaterali u reġjonali, fil-kuntest tad-WTO, bħal fir-rigward tan-negozjati dwar il-Ftehim dwar il-Beni Ambjentali (EGA) u *tal-Ftehim* dwar il-**Kummerċ fis-Servizzi (TISA)**;

11. Jisħaq fuq l-importanza li l-kooperazzjoni internazzjonali tissaħħaħ aktar fil-qafas internazzjonali, fil-livelli multilaterali, plurilaterali u reġjonali, fil-kuntest tad-WTO **u ta' istituzzjonijiet internazzjonali oħrajn bħall-ILO u l-Kunsill tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem**, bħal fir-rigward tan-negozjati dwar il-Ftehim dwar il-Beni Ambjentali (EGA) u **tat-Trattat Internazzjonali** dwar il-korporazzjonijiet transnazzjonali u d-Drittijiet tal-Bniedem;

Or. en